

# TITWAQQAF L-GĦAQDA 'ĦBIEB TAL-PRESEPJU' FERGĦA NADUR

Anton Said

*In-Natività akkumpanjata mill-Appostli San Pietru u San Pawl flimkien max-xbieha tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej u San Benedittu u Santa Skolastika.*
Knisja tas-Santissima Trinita` u San Marzjanu fl-Lentini, l-Italja.
Xogħol ta' artist mhux magħruf tas-seklu sbatax.

## 'L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju' Għaliex ?

Il-Presepju hu mezz li bis-sempliċità tiegħu jgħinna naħsbu aktar dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni: Il-misteru t'Alla li sar Bniedem bħalna u għammar fostna. Il-presepju hu espressjoni ta' fidi, fejn il-bniedem jgħarbel fi ħsibijietu dan il-misteru u permezz tal-ġeneru artistiku tiegħu jesprimi dak li jħoss. Bħal f'kull lokalità oħra, anke fin-Nadur insibu numru ta' persuni li permezz tad-delizzju jew tat-talent artistiku tagħhom għandhom namra mal-Presepju u dak kollu li hu marbut miegħu. Kien għalhekk li matul dawn l-aħħar xhur saret ħidma preparattiva biex finalment nhar id-9 ta' Mejju 2013, festa ta' San Ġorġ Preca, **'L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju' – Fergħa Nadur** twaqqfet uffiċċjalment bl-għan aħħari li l-Presepju jibqa` fil-qalba ta' kull familja Nadurija.

## L-Ewwel Presepju u xbiehat primittivi tan-Natività

Għalkemm ħafna jattribwixxu l-ewwel presepju li kien ġie introdott fi Greccio qrib Assisi fl-Italja minn San Franġisk meta fis-sena 1223 fil-lejl għażiż tal-Milied kien sawwar rappreżentazzjoni ħajja tat-twelid ta' Ġesù Bambin, il-fatti juru li l-eqdem xbieha tan-Natività hi dik li tinsab fil-katakombi ta' Santa Priscilla fil-belt ta' Ruma. F'dan l-affresk li jmur lura lejn t-tieni seklu w.K. naraw lil Marija flimkien ma' San Ġużepp bit-tarbija Ġesù mdawra bi tliet Slaten Maġi gwidati minn stilla bi tmien ponot. Affresk ieħor simili għal dan, din id-darba tar-raba` seklu nsibuh fil-katakombi ta' San Sebastjan dejjem fil-belt ta' Ruma. F'dan l-afresk naraw maxtura flimkien ma` baqra u ħmara b'eċċezzjoni tan-nuqqas ta' Marija u Ġużeppi. Xbieha oħra tan-Natività li tmur lura fis-snin hi dik li saret fis-sena 1289 meta *Arnolfo di Cambo* sawwar dak li hu meqjus bħala l-eqdem presepju tri-dimensjonali li qatt inħadem. F'din l-opra tal-arti maħduma fl-irħam li ġiet ikkumissjonata mill-Papa Nikola IV għall-Bażilika ta' Santa Marija Maggiore, naraw eżempju ċar tal-presepju ta' żmienna, b'elementi prinċipali ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi flimkien mar-rgħajja u t-tliet slaten maġi jiddominaw ix-xena.

## Il-Presepju u Eżemplari marbuta miegħu f'Malta u Għawdex

Għalkemm f'Malta nsibu numru ta' xogħlijiet qodma tal-arti li jġibu x-xbieha tan-Natività, l-ewwel presepju li hu magħruf li sar hu dak li jġib is-sena 1617. Dan il-presepju kien ġie esebit fil-Knisja tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat, Malta fis-sena msemmija. Fil-Monasteru ta' San Pietru fl-Imdina wieħed ukoll sal-lum il-ġurnata għadu jista` jara presepju antik ħafna li jmur lura lejn is-sena 1670. Anke fi gżiritna, il-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat tista` tgħid li għandha waħda mill-eqdem tifkiriet relatati mal-Milied. Dan hu Bambin maħdum fix-xemgħa xogħol tas-seklu tmintax li kien jappartjeni lill-Kon-pajżan Ġian Piet Franġisk Agius De Soldanis (1712 – 1770) – is-Saċerdot storjografu Għawdxi li ommu kienet min-Nadur. Anke raħalna jista` jgħid ukoll li l-presepju jew ix-xbieha tan-Natività dejjem kellhom post speċjali fost in-Nadurin. Il-Kolleġġjata tan-Nadur illum tista` tiftaħar li permezz ta' restawr li sar f'dawn l-aħħar snin irnexxielha tippreserva sett ta' ħmistax -il pittura li jirrappreżentaw il-Misteri tar-Rużarju. Fost dawn insiblu x-xbieha sabiħa tan-Natività liema xogħol tal-arti jmur lura lejn tliet sekli ilu. Ma' dan anke f'din il-Bażilika nsibu wkoll numru ta' bambini li jmorru lura fis-snin u fuq kollox pittura mill-isbaħ tat-twelid ta' Ġesù, xogħol Prof. Lazzaro Pisani li tinsab fil-Koppletta tal-Altar tas-Salvatur li tpittret fis-sena 1928. Il-patrimonju Naduri marbut mal-Milied ma' jieqafx hawn. Eżemplari oħra li nsibu fin-Nadur din id-darba nsibuhom f'diversi kollezzjonijiet privati. Fost dawn hawn ta' minn isemmi x-xbieha ta' Ġesù Bambin, liema opra tal-arti tmur lura lejn żmien il-ħakma tal-Kavallieri f'Malta. Kollezzjoni partikolari li hawn fin-Nadur hi dik li tgħodd madwar

erba` mitt Bambin ta' kull għamla u qies li fost dawn insibu x'uħud li minnhom nħadmu qrib il-mitejn sena ilu. Ma' dawn il-kollezzjonijiet imprezzabli nsibu wkoll bosta persuni li jikkollezzjonaw settijiet ta' pasturi diversi, ta' grotti kif ukoll ta' presepji. Imħabba u passjoni li taħkem lil ħafna għal tul is-sena kollha.

L-imħabba lejn il-presepju fin-Nadur u dak kollu li hu marbut miegħu kompliet tikber mal-medda tas-seklu għoxrin. Fis-sena 1907 twaqqfet f'Malta is-Soċjeta` tad-Duttrina Nisranija l-M.U.S.E.U.M. minn San Ġorġ Preca. Motivata` mill-motto tagħha *'Verbum Dei Caro Factum Est'* – ' L-Iben t'Alla sar Bniedem', din is-Soċjetà bdiet taħdem biex l-imħabba lejn il-veru sens tal-Milied tibqa` ħajja. Għal dan il-għan din is-Soċjetà kull Milied bdiet toffri lit-tfal xi xbieha ta' Ġesù Bambin jew xi grotta żgħira. Ma` dan, fis-sena 1921 din is-Soċjetà ntroduċiet il-purċissjoni b'xbieha ta' Ġesù Bambin fil-lejl tal-Milied. Titwila lejn il-ħidma ta' din is-Soċjetà f'raħalna, nintebħu u naraw biċ-ċar lill-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. Nadur, bħala wieħed mill-pijunieri ta' dawn l-inizzjativi fi gżiritna. Inizzjattivi li dejjem wasslu Milied reali mal-medda tas-snin lil kull familja Nadurija.

---

## 'L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju' Fergħa Nadur

Is-sens tat-tkattir ta' ħbiberija fost id-dilettanti tal-Presepju fir-raħal tagħna tista` tgħid li hi l-qofol tat-twaqqif tal-'Għaqda Ħbieb tal-Presepju' fin-Nadur. In-numru konsiderevoli ta' persuni żgħar u kbar li għandhom namra ta` dan il-mistier kien l-istimolu ewlieni biex titwaqqaf din l-fergħa ġdida f'raħalna – fergħa li hi l-ewwel waħda li twaqqfet fi ħdan **'L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju' Għawdex – Malta** li sa mis-sena 1985 dejjem ħadmet u stinkat biex in-namra għall-presepju fil-gżira Għawdxija tibqa` waħda ħajja u attiva.

---

## Il-Ħidma Tagħna

Il-ħidma tal-**'Għaqda Ħbieb tal-Presepju' - Fergħa Nadur** issa ilha għaddejja għal numru ta' xhur mhux ħażin. Matul dan iż-żmien sar l-Istatut li jirregola l-ħidma tal-Fergħa, inħadem il-*logo* li jikkonsisti fi xbieha tan-Nativitá bi sfond tax-xemx li tirrapreżenta lin-Nadur kif ukoll tħejja pjan ta' ħidma. Fuq kollox din il-ħidma kollha tpoġġiet taħt il-ħarsien ta' San Franġisk t'Assisi meqjus li stabilixxa l-ewwel presepju ħaj u ta' San Ġorġ Preca li f'pajjiżna permezz tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija xerred fostna d-devozzjoni lejn il-misteru ta' Alla li sar Bniedem. F'dawn il-jiem, il-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl offriet lil din il-fergħa spazju li jagħmel parti mill-kumpless ta' **'Dar Dun Franġisk Grima'** fi Triq it-Tiġrija, in-Nadur, biex hawn tkun tista` titwettaq il-ħidma ta' din l-għaqda ġdida.

Fix-xhur li ġejjin l-**'Għaqda Ħbieb tal-Presepju' – Fergħa Nadur** ser tkun qed taħdem bis-sħiħ biex il-Presepju jew ix-xbieha tan-Nativitá tibqa` fil-qalba ta' kull familja Nadurija. Garanzija mill-isbaħ għall-apprezzament akbar lejn il-Presepju u s-seħer kollu li jdur miegħu.



San Pietru u San Pawl fil-Knisja ddedikata lilhom f'Athlone, Ireland.